MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 822/2005

Il-Pulizija
(Sp Ian Joseph Abdilla)
vs
Christian Parnis, iben Charles, imwieled Pieta' fid-29 ta' april, 1985

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fl-14 ta' settembru, 2005 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Ġzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. iffalsifika biljetti tal-flus, kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus maltin, meta kien jaf li huma falsifikati;

b. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leħittima jew raġonevoli xtara jew irċieva mingħand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu, biljetti tal-flus maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
c. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ ntrapriżi foloz, jew ta’ ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ anqas minn Lm100 għad-dannu ta’ Saliba Service Station ta’ Ħal-Qormi, diversi pomp ital-petrol u sidien ta’ petrol stations oħra;
d. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi kkometta serq ta’ diesel u petrol tal-valur ta’ anqas minn Lm100 minn diversi petrol stations, fosthom Saliba Service Station ta’ Ħal-Qormi u pompi oħra, għad-dannu tas-sidien ta’ l-istess pompi u persuni oħra;
e. talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex imexxihom jew ibiegħuhom;
f. tali nhar il-Ħadd, 24 ta’ lulju, 2005 f’Ħal-Qormi saq vettura tat-tip Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAO 225, mingħajr liċenzja tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku ta’ Malta kif ukoll bla ma ken kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar riskji għal terżi persuni;
g. talli sar reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maħistrati (Malta), liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta’ lulju, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat

u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(d), 262, 263, 264, 265, 267, 270, 271, 279(a), 334, 289, 308, 309, 310, 31, 20, 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta; u
c. fl-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' awissu, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' diċembru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu skond in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' lulju, 2006.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Tiddikjara li l-imputat mhux reċidiv billi l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikolu tal-liġi dwar dan il-punt. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(d), 262, 263, 264, 265, 267, 270, 271, 279(a), 289, 308, 309, 310 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Tinbixxi lill-imputat milli jkollu kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' mitejn u erbatx il-

lira maltija u ħamsin ċentesimu (Lm214.50) spejjeż inkorsi f'din il-kawża.  Tordna l-konfiska tal-flus foloz eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------